MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 790/2004

IL-PULIZIJA
(SPETTUR MARIO TONNA)

VS

MARIA GLORIA ZAMMIT

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Gloria Zammit, ta’ erbghin (40) sena, bint il-mejjet Assuero Chetcuti u Elizabeth nee Caruana, imwielda Pieta, Malta fit-30 ta’ Marzu, 1964 u li hija residenti Flat 2, Blokk A, St. Julian’s Court, Triq Birkirkara, San Giljan u li hija detentrici tal-karta tal-identita’ numru 194265 (M);

Talli f'dawn il-gzejjer u cioe nhar il-11 ta' Settembru, 2004 bejn is-siegha u nofs ta' fil-ghodu u t-tlieta ta' fil-ghodu gewwa Triq Birkirkara, San Giljan, ikkommetta hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Alfa bin-numru ta' registrazzjoni GAQ – 657 ghad-dannu tal-gvern ta' Malta liema hsara tiskorri l-ghaxar liri Maltin (LM10) imam ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50) u dan ai terminu tal-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebbejt ghal Marco Zammit sabiex tingurjaha, iddejqu jew taghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi gewwa San Giljan, volontarjament, ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;

Wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Marco Zammit sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati torbot hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-Artikolu 383 (1), (2), (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll 383 (1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ammissjoni tal-imputata;

Ikkunsidrat;

Illi wara li semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esebiti, l-Qorti ssib lill-istess imputata Maria

Gloria Zammit, hatja u ghalhekk tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  ghal perjodu ta’ sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------